**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦARLOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 /4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 76

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 76 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 27 ta' Marzu 2024, fil-5:30 pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut
Segretarju Ezekuttiv

20 ta'Marzu, 2024

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier

Skużat

- Daryl Connor — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**76.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Kunsillier Daryl Connor

**76.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (75)**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti bil-Kunsillier Alfred Bray jissekonda l-mozzjoni.
Il-minuti ġew approvati nem.con kif tressqu.

**76.3 Punti mill-Minuti**

- **55/TMD/24/14 – Immaniġjar ta' traffiku**

  Fil-15 ta' Marzu 2024 TM infurmaw li ma jsibux oġġezzjoni biex il-lista tat-toroq indikati fil-korrispondenza jsiru one-way fuq prova ta' 3 xhur fejn il-kunsill jeħtieġ li jagħmel konsultazzjoni mar-residenti tat-toroq inkwistjoni.

- **Stedina minn Oroslavje**

  L-ebda membru elett tal-kunsill ma kien fil-pożizzjoni li jitla jirrappreżenta lill-kunsill f'Oroslavje biex jattendi għall-ftuħ ta' binja sportiva.

- **Inawgurazzjoni tal-bust Patri Elia**

  Il-kunsill approva li ssir bibita għal okkażjoni.

- **Ġnien f'Erba' Imwieżeb**

  Il-Kumitat tat-tismija tat-toroq approva li l-ġnien jissemma għal Kacey Sciberras.

- **Triq skedata bejn Triq Katarina Vitale u Triq Piscopo**

  Is-Sindku nforma, li l-kunsill wasal fi ftehim mas-sidien ta' art biex it-triq inkwistjoni tinfetaħ għat-traffiku diment li l-Awtorita ta' l-Ippjanar tapprova dak issuġġerit.

**76.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- **Measure 4.3 – MAFA/PAY 54/2020**

  22 ta' Marzu 2024, il-kunsill irċieva ittra mingħand ARPA dwar it-8 toroq mhux urbani li saru mill-kunsill fil-leġislatura 2015-2019. Dawn infurmaw, li wara verifiki li saru ġew innutati diversi nuqqassijiet u li kawża tagħhom il-kunsill ġie mġiegħel jirritorna lura €90,209.83 li minnhom iridu jitħallsu €76,017.52 fi żmien 30 ġurnata.

  Il-kunsill ta' l-approvazzjoni tiegħu biex is-Seg.Eżekuttiv jikkonsulta ma l-avukat tal-kunsill u wara jmexxi skond il-pariri mogħtija u l-parametri tal-linji gwida ta' l-iskema.

- **Patching & Constuction of Roads**

  Is-Sindku Alfred Grima informa, li Infrastruttura Malta qablu li jagħmlu xogħolijiet estensivi ta' patching bil-hot asphalt fi Triq il-Mosta għas-spejjes tagħhom biex jiġu evitati nċidenti.

- **Tender Resurfacing, Patching & Constuction of Roads**

  Kaġun, li l-kuntrattur tal-kunsill qed idum biex jwettaq ix-xogħolijiet rikjesti, tant li nħarġu default notices, il-kunsill approva, li x-xogħolijiet meħtieġa ta' patching fi Triq San Pawl u fl-akkwati jsiru mill-istess kuntrattur imqabbad minn Infrastruttura Malta bi spiża li ma taqbis €100,000.

- **Reġjun Tramuntana - Assistenza NGO's**

  Il-Kunsill approva li €3,000 mill-Fond Finanzjarju Assistenza lil NGO's jinqasam indaqs bejn il-Kumitat tal-Festa u s-Soċjeta' Mużikali San Pawl il-Baħar.

  1. €1,500 biex jagħmlu tajjeb għal parti minn spiża akbar ta' installazzjoni ta' lift li l-Kumitat tal-Festa nstalla fil-maħżen.
  2. €1,500 biex jittella Programm Vokali u Strumentali tal-Festa nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju 2024 b'kolloborazzjoni mall-Kunsill u r-Reġjun.

- **Mixja Puttinu**

  Il-kunsill approva l-kiri ta'2 mobile toilets għal mixja ta' Puttinu bi spiża li ma taqbis €150.

- **Doninu Malta**

  Il-kunsill approva x-xiri ta' tinda bil-logo tal-kunsill prezz massimu ta' €200 biex jipparteċiepa fil-proġett ta' Doninu Malta u Smiling with Jerome. Progett maħsub li jgħin u jferrah tfal b'diżabilita u morda.

- **Reġjun Tamuntana**

  Ir-reġjun nieda fond ta' €20,000 għal kull kunsill biex itellaw attivita' marbuta mall-kultura u arti li trid tittella sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2024.

- **Bust dedikat lil Toni Camilleri, Bayzo**

  DN00070/2024 ġie approvat fil-21 ta' Frar 2024. Sit maqbul mill-kunsill, fi Triq San Pawl kantuniera ma Triq San Ġorġ. Il-pedestal ta' taħt il-bust li se jkun magħmul mill-ġebel tal-franka se jiġi jiswa €690, Vat u kitba mhux inkluż. Kien approvat li tinġib stiema biex isir il-ħadid.

- **Rikors numru 842/10/1 SM kontra l-kunsill**

  26 ta' Frar, 2024 Il-Kunsill Lokali gie lliberat u mhux tenut responsabbli għall-inċident.

- **Għaqda Qawra Salini Sidien Dgħajjes**

  Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġi nstallat meter pillar kif rikjest fuq il-moll indikat fis-site plans presentati diment li ma jiġiex ostakolat il-passaġġ pubbliku u bil-kundizzjonijiet imposti tas-soltu. Il-kunsill ma jerfa l-ebda responsabilita kemm ta' negliġenza u tal-kontijiet.

**76.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**76.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

*76.6.1 Rapport Amministrattiv*

Il-kunsill approva r-rapport kif tressaq.

*76.6.2 Rapporti Mressqa mill-Membri Eletti*

Is-Sindku Alfred Grima, il-Viċi Sindku Carlos Zarb, u l-Kunsilliera Mario Salerno, Alfred Bray, Chris Vella Petroni u Anthony Delia ippreżentaw ir-rapport tal-ħidma

**76.7 Bini ta' Ċentru Ċiviku**

Fil-11 ta' Marzu 2024 is-Sindku Alfred Grima u s-Seg.Eżekuttiv Marico Sammut iffirmaw f'isem il-kunsill ftehim ta' devoluzzjoni ta' l-art fi Triq San Ġorġ ma l-Awtorita' ta' l-Artijiet. Ippreżentaw site plan ta' l-art inkwisstjoni b'mod uffiċċjali.
Il-kunsill approva li jiġu evalwati l-benefiċċji u liż-żvantaġġi li tinħareġ sejħa pubblika ta' Design & Build.

**76.8 Kjarifika dwar rimborż tal-fattura tal-Iskart Organiku**

Inqrat kjarifika datata 29 ta' Jannar 2024 mibgħuta mir-Reġjun Tramuntana dwar żball amministrattiv marbut ma ħlas lura għal skart organiku bi żball. Fejn huwa mistenni li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar jeħtieġ irodd lura €77,525,99 lir-Reġjun.

**76.9 Rikjesta estenzjoni ta' bankina (CCP0413/2024IS)**

Il-kunsill ma approvax li ssir estenzjoni tal-bankina quddiem il-propjeta' numru 12, fi Triq San Franġisk kaġun li se jitnaqqas parkeġġ.

**76.10 Segretarju Eżekuttiv - Irtirar bl-eta**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li se jirtira bil-pensjoni fid-9 ta' Settembru 2024. L-aħħar jum ta' ħidma tiegħu mistennija tkun il-15 ta' Lulju 2024. Il-kunsill approva li fl-anqas żmien possibbli tinħareġ sejħa pubblika għal ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv skond il-parametri tar-regoli imposti.

**76.11 Kordinatur tal-Avvenimenti**

Il-kunsill qabel li tinħareġ sejħa pubblika għal xiri ta' servizz ta' koordinatur għal avvenimenti li jkun/tkun risponsabbli għall-ippjanar, l-organizzazzjoni u t-twettiq ta' attivitajiet. Jeħtieġ li barra esperjenza fil-qasam, il-persuna trid tkun familjari sewwa mat-toroq tal-lokalita'.
Il-proposta għada tkun bir-rata fis-siegħa fejn il-kunsill jiddeċiedi hu kemm il-siegħa tkun allokata għal kull attivita'.

**76.12 Każ Ta Fra Ben 2008 Vladyslava Kravchenko - Rikors numru 966/09/SM**

Il-kunsillier Paul Bugeja iddikjara konflitt ta' interess.
26 ta' Frar, 2024 - Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar gie dikjarat, flimkien mall-konvenuti oħra, responsabbli in solidum flimkien għall-inċident li fih korriet gravament Vladyslava Kravchenko. Il-Qorti llikwidat l-ammont komplessiv ta' danni mġarrba mill-attriċi Vladyslava Kravchenko għall-ammont ta' €551,589.71 u li l-konvenuti kollha in solidum iħallsu s-somma hekk likwidata lill-attriċi, bl-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata tal-Ewwel Qorti. Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jinqasmu, inkwantu għall-perċentwal ta' 80% bejn il-konvenuti kollha in solidum bejniethom, filwaqt li l-atturi għandhom iħallsu l-perċentwal bilanċjali ta' 20%. Mill-2008 l-hawn, il-kunsill ħallas circa €48,000 f'retainer fee lill-avukat (circa €3,000 fis-sena).

26 ta'Marzu, 2024 l-Insurance Brokers tal-kunsill infurmaw li jnizjalment it-talba tal-kunsill kienet ġiet miċħuda mill-insurance.

Stqarrija mis-Sindku Alfred Grima

"Jiddispjaċini nirrimarka, li dak li wissejt dwaru diversi drabi seħħ! Fejn il-kunsill spiċċa l-Qorti f'kawża li nstab ħati, dwar attivita' li tagħha ma kienx l-organiżżatur. Infakka, li jiena dejjem kont kontra li l-permessi jinħarġu f'isem il-kunsill.

**76.13 Community Inclusive Employment Scheme**

Il-Kunsill approva nem.con li japplika għal ***Community Inclusive Employment Scheme*** bl-impjieg propost ikun wieħed manwali full time, b'xogħol relatat maż-żamma ta' l-indafa. Il-kunsill approva ukoll il-ħlas ta' parti mill-bolla u dak iddettat fl-istess skema.

**76.14 Affarijiet Oħra**

***76.14.1 Ex Cherry Tree***

Il-Kunsill approva nem.con il-pjanta ġdida mressqa fis-27 ta' Frar 2024, mill-kumpanija Maypole dwar applikazzjoni PA 06283/23. Dan bil-kundizzjoni li,

1. Ma jkunx hemm aktar minn unloading bay waħda.
2. Minn ta' l-anqas 4 parkeġġi jibqaw għad-dispożizzjoni tar-residenti.
3. Is-Siġar eżistenti għandhom jiġu rilokati f'post maqbul mall-kunsill.
4. Ix-xogħolijiet isiru għas-spejjes tal-kumpanija, wara li jinġibu l-permessi kollha neċessarji.

Din id-deċiżżjoni twaqqa kull deċiżżjonijiet oħra meħuda preċidenti.

***76.14.1 PA02046/22*** *Demolition of existing building and construction of 3 no. garages at ground floor level, 6 no. apartments at at first, second, third, fourth, fifth and sixth floor levels and a penthouse at setback floor level.*

Il-Kunsill approva li ssir oġġezzjoni biex iż-żona tibqa f'għoli eżistenti dik ta' terrace houses.

**76.15 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż**

*76.15.01 Ħsarat fil-lampi tad-dawl Triq Dawret in-Nawfraġju*

Il-Kunsill approva stima ta' €2,423.72 għall-bdil u l-installazzjoni mill-ġdid ta' lampi u cables tad-dawl meħtieġa.

*76.15.02 Ħarġa għal anzjani*

Is-Sindku Alfred Grima ssekondat mill-Kunsilliera Antoinette Bezzina ippropona li l-kunsill jissussidja €7.00 mill-prezz li jammonta għal €19.00 tal-ħarġa għal anzjani b'ID fuq il-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar li se tinżamm f'Mejju 2024 u li l-kunsill jagħmel tajjeb ukoll għat-trasport bejn il-kunsill u ċ-Ċirkewwa u lura. Il-kunsill approva nem.con.

**76.16 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti**

Il-Kunsilliera Alfred Bray u Chris Vella Petroni ipproponew u ssekondaw rispettivament li lis-skeda tal-pagamenti tiġi approvata kif ippreżentata. Il-kunsill approva nem.con.

**76.17 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.25 hrs u aġġornata għall-Ħamis 25 ta'April 2024 fil-17.30 hrs.

**Approvati fil-25 ta' April, 2024**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ______________________ | ______________________ |
| Alfred Grima | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |